VERŻJONI ELETTRONIKA

Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta, Nru. 19,493, 6 ta' Novembru, 2015
Taqsima B

A.L. 360 tal-2015

ATT DWAR POTERI LI JSIRU REGOLAMENTI FL-INTERESS NAZZJONALI (KAP. 365)

Regolamenti tal-2015 li jemendaw b'mod ġenerali r-Regolamenti dwar l-Infurzar ta' Sanzjonijiet tal-Unjoni Ewropea

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 3(2) tal-Att dwar Poteri li jsiru Regolamenti fl-Interess Nazzjonali, il-Prim Ministru għamel ir-regolamenti li ġejjin:-

Titolu.

1. It-titolu ta' dawn ir-regolamenti hu r-Regolamenti tal-2015 li jemendaw b'mod ġenerali r-Regolamenti dwar l-Infurzar ta' Sanzjonijiet tal-Unjoni Ewropea.

Jemenda r-regolament 2 tar-regolamenti elenkati fl-Iskeda.

2. Fit-tifsira "ir-Regolament tal-Kunsill" fir-regolament 2 tar-regolamenti elenkati fl-Iskeda minnufih wara l-kliem "imsemmi fir-regolament 3" għandhom jidħlu l-kliem ", kif ukoll għal kwalunkwe emenda jew revoka li tista' ssir lil dawn ir-regolamenti.'.

SKEDA
(Regolament 2)

Regolamenti dwar l-Infurzar ta' Sanzjonijiet tal-Unjoni Ewropea dwar l-Iran - L.S. 365.32

Regolamenti dwar l-Infurzar ta' Sanzjonijiet tal-Unjoni Ewropea fir-rigward tal-Kosta - L.S. 365.34

Regolamenti dwar Infurzar ta' Sanzjonijiet ta' l-Unjoni Ewropea fir-rigward tal-Jamaħirija Għarbija Libjan - L.S. 365.35

Regolamenti dwar l-Infurzar tas-Sanzjonijiet tal-Unjoni Ewropea fir-rigward tal-Eġittu) - L.S. 365.38

Regolamenti dwar l- Infurzar ta' Sanzjonijiet tal-Unjoni Ewropea fir-rigward tal-Bjelorussja - L.S. 365.43

Regolamenti dwar l-Infurzar ta' Sanzjonijiet tal-Unjoni Ewropea fir-rigward tal-Libanu. - L.S. 365.44
